# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2002.**

**Numru 64**

**Citaz. numru 651/96 GCD**

**Dimitry Orlov ; u b'digriet tat-3 ta' Lulju 1998 il-kawza tkompliet f'isem Raymond Mercieca bhala mandatarju f'isem Dimitry Orlov li jinsab assenti minn dawn il-gzejjer.**

**vs**

**Edward Pavia f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' EMA Limited.**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fit-23 ta' Ottubru 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti sentenza kontra l-konvenut proprio et nomine, li biha gie

ordnat riventigra lill-attur fil-pussess tal-fond imsemmi fl-att tac-citazzjoni li minnu kien gie spoljat :-

"Din hija kawza ta' spoll.

Ic-citazzjoni tghid illi l-attur kellu l-pussess tal-fond numru tlieta (3) f'*Mariner's Court*, Vjal in-Nawfragju (Shipwreck Promenade), San Pawl il-Bahar, bil-hwejjeg ta' go fih. Dan il-pussess kien inghata lill-attur mis-socjeta' konvenuta billi kien sar konvenju bejniethom biex l-attur jixtri l-fond bil-prezz ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000). Gara li, anqas minn xahrejn qabel ma nfethet il-kawza, il-konvenut, bil-mohbi u bi vjolenza, ghamel spoll meta biddel is-serratura tal-fond u cahhad lill-attur mill-pussess tal-fond u tal-hwejjeg go fih ; ghalhekk l-attur qieghed jitlob illi l-Qorti :-

1. Tghid li l-konvenut *proprio et nomine* ghamel spoll kontra l-attur meta bil-mohbi u bi vjolenza, anqas minn xahrejn qabel ma nfethet il-kawza, cahdu mill-pussess tal-fond imsemmi fuq u tal-hwejjeg li kien hemm fih ; u

2. Tordna lill-konvenut sabiex, fiz-zmien li jinghatalu, jqieghed kollox kif kien qabel billi jrodd lill-attur il-pussess tal-fond u tal-hwejjeg ta' go fih.

Talab ukoll l-ispejjez u zamm kull dritt li jmiss lilu biex ifittex ghad-danni .

Il-konvenut *proprio et nomine* ressaq dawn l-eccezzjonijiet :-

1. Safejn it-talbiet huma maghmula kontra tieghu personalment, ghandhom ikunu michuda billi l-konvenut *proprio* ma ghandu ebda rapport ma' l-attur ; u

2. Safejn it-talbiet huma maghmula kontra s-socjeta' EMA Limited, ghandhom ikunu michuda billi ma sar ebda spoll kontra l-attur.

Il-fatti tal-kaz huma dawn :-

B'konvenju li sar fid-19 ta' Novembru 1993[1] l-attur u s-socjeta; konvenuta kienu ftiehmu li l-attur jixtri l-fond *de quo* minghand is-

[1] Foll. 5 et seqq.

socjeta' konvenuta. Dakinhar inghataw ic-cwievet tal-fond lill-attur, u dan dahhal fih xi hwejjeg tieghu. L-attur ghalhekk kellu t-tgawdija *de facto* tal-fond u ta' dak li kien hemm fih.

Kien sar ftehim iehor fis-7 ta' Dicembru 1995[2] meta ghall-attur kien deher Raymond Mercieca, u dan il-ftehim, wara stipulazzjonijiet dwar kif l-attur kellu jhallas lis-socjeta' konvenuta, jkompli jghid hekk :-

> This agreement is conditional on the said payments being mae on time and in the case the said Raymond Mercieca *nomine* is late in such payment, he shall forfeit all the payments made to that date and any rights or pretensions regarding the property and furniture existing in the premises to be purchased and this as pre-liquidated damages without the need for any confirmation by any judical authority.

Il-konvenut qed jghid li l-attur ma hallasx meta kellu jhallas u qataghha, *"without the need for any confirmation by any judical authority"*, li l-attur ma kien fadallu ebda interess fil-fond, u ghalhekk biddel is-serratura biex l-attur ma jkunx jista' jkompli jidhol fil-fond. B'dan il-mod cahhad lill-attur mill-uzu tal-fond stess u ta' dak kollu li kien hemm fih.

Dan huwa att car ta' spoll, ghax il-konvenut ha l-ligi f'idejh biex jezercita jedd li ppretenda li kellu. Il-ligi trid, bhala principju ta' ordni pubbliku, lil min jippretendi xi jedd jinqeda b'*vite di diritto* u mhux b'*vie di fatto* ghall-harsien ta' dak il-jedd ; principju ta' ordni pubbliku jeghleb kull ftehim privat, u ghalhekk il-patt li l-attur seta' jinqeda b'*vie di fatto* flok b'rikors lill-awtorita' gudizzjarja ma jiswiex. Ghalhekk l-agir tal-konvenut li fixkel lill-attur fit-tgawdija *de facto* kellu huwa spoll kontra l-ligi.

Biex l-attur seta' jhares it-tgawdija tieghu kontra l-ispoll bl-azzjoni privileggjata kellu jiftah il-kawza fi zmien xahrejn minn dakinhar ta' l-ispoll.

Raymond Mercieca xehed li l-konvenut kien ha hlas fis-26 ta; Jannar 1996[3] ; ladarba l-konvenut accetta l-hlas dakinhar, dan ifisser li kien ghadu jifhem li l-ftehim kien ghadu jorbot ; ifisser ukoll li l-ispoll ghamlu wara s-26 ta' Jannar 1996. Il-kawza nfethet fit-28 ta' Frar 1996, certament anqas minn xahrejn wara l-ispoll.

---

2 Fol. 9.

3 Ara x-xhieda ta' Raymond Mercieca fis-seduta tat-3 ta' Lulju 1998, fol.50.

Ghalhekk hemm l-elementi kollha biex tista' tirnexxi l-azzjoni privileggjata ta' spoll.

Nghaddu issa biex inqisu l-eccezzjonijiet tal-konvenut *proprio et nomine*.

L-ewwel eccezzjoni tghid li l-konvenut *proprio* "ma ghandu ebda rapport guridiku ma' l-attur".

L-azzjoni ta' spoll ma hix azzjoni *ex contractu* izda hija azzjoni *ex delicto*, fuq fatt illecitu. Il-konvenut, ghalkemm bi tlaqliq u wara li widdbitu l-Qorti biex iwiegeb bla evazjonijiet, stqarr li kien hu li biddel is-serratura[4]. Ghalhekk, ladarba l-konvenut innifsu ghamel il-fatt illecitu li fuqu hija mibnija l-kawza, azzjoni saret sew kontra tieghu u l-ewwel eccezzjoni hija ghalhekk michuda.

It-tieni eccezzjoni tghid li "ma gie kommess ebda spoll a dannu ta' l-attur". Ga' rajna izda li l-attur wera li hemm it-tliet elementi – *possedisse spoliatum fuisse infra bimestre deduxisse* – mehtiega biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll, u din l-eccezzjoni wkoll hija, ghalhekk, michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut *proprio et nomine*, tilqa' t-talbiet ta' l-attur : tghid li l-konvenut ghamel spoll kontra l-attur meta cahdu mit-tgawdija tal-fond numru tlieta (3) f'*Mariner's Court,* Vjal in-Nawfragju (Shipwreck Promenade), San Pawl il-Bahar, bil-hwejjeg ta' go fih, imsemmija fic-citazzjoni, u tikkundanna lill-konvenut *proprio et nomine* sabiex, fi zmien xahar minn meta din is-sentenza ssir finali hu jerga' jrodd lill-attur it-tgawdija tal-fond imsemmi u tal-hwejjeg ta' go fih.

L-ispejjez gudizzjarju jhallashom il-konvenut *proprio et nomine*."

**APPELL**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza in kwantu hassu aggravat kemm proprio kif ukoll fil-kwalita' tieghu kif citata.

L-aggravji tal-appellant huma identifikati f'zewg sottomissjonijiet principali. L-ewwel sottomissjoni hi fis-sens illi ma kienux jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega biex tissussisti l-azzjoni ta' spoll privileggjat. It-tieni sottomissjoni hi fis-sens illi hu kkontesta d-decizjoni tal-ewwel Qorti illi l-azzjoni ta' spoll ma hix azzjoni *ex contractu* izda *ex delicto* fuq fatt illecitu u li konsegwentement kellu jinsab hati ta' spoll il-persuna li bhala fatt tkun ghamlet il-fatt illecitu li fuqu tkun mibnija l-kawza.

Din il-Qorti sejra tikkonsidra kull wahda minn dawn iz-zewg sottomissjonijiet separatament.

## A. <u>L-AGGRAVJU DWAR L-ELEMENTI TAL-AZZJONI</u>

L-appellant proprio et nomine jissottometti li hu ma jaqbilx mal-konkluzjoni fis-sentenza appellata illi fil-kaz taht ezami kienu jokkorru l-elementi kollha mehtiega li jikkostitwixxu l-ispoll sabiex tirnexxi l-*actio spolii*. Hu jissottometti illi l-ewwel Qorti ma kkonsidratx element iehor li fil-fehma tieghu hu l-qofol tal-kwistjoni jekk kienx hemm jew le spoll minn naha tal-appellant. Hu jissottometti illi "l-element materjali tal-molestja jrid ikun dejjem akkompanjat b'dak intenzjonali". L-appellant proprio et nomine jaghmel riferenza ghal sentenzi ta' dawn il-Qrati li fihom gie introdott l-element intenzjonali bhala rekwizit tal-azzjoni tal-ispoll. Hekk per ezempju jaghmel riferenza ghal tali insenjament fil-

[4] Ara x-xhieda ta' Edward Pavia fis-seduta tat-13 ta' Lulju 1988, fol. 109.

kawza fl-ismijiet “Joseph Baldacchino vs Emanuel Falzon Fava”, deciza minn din il-Qorti fit-22 ta’ April 1988 (Volum LXXII.ii.242) u fil-kawza fl-ismijiet “Anthony Camilleri vs Doris Galea”, deciza mill-Prim’Awla fil-25 ta’ Settembru 1989 (Volum LXXIII.iii.851), kif ukoll l-insenjament ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet “Grace Chetcuti vs Francis Muscat et”, deciza fil-21 ta’ Gunju 1989.

F’din l-ahhar sentenza gie hekk insenjat : “Il-molestja trid tkun akkumpanjata mid-debitu *animus spoliandi*. Fil-fatt l-atti li bihom tigi kommessa l-molestja wahedhom mhux bizzejjed biex jikkotitwixxu spoll, izda jrid jigi investigat ukoll b’liema intenzjoni saru ‘ed in tal caso si rende indispensabile far ricorso al titolo, in virtu’ del quale gli atti si sono compiutu non gia’ per guidicare del diritto in colui che ha erogato la molestia bensi del suo animo col quale ha esercitato gli atti in questione’ (Ricci Volum 5 pg. 135 – 136 para. 93)”. L-istess Ricci gie wkoll kwotat f’sentenzi ohra, gja’ citati, fejn jghid “Ove questa intenzione manchi di colui che attenta al possesso altrui, non vi e’ vera molestia nel senso di legge, e non puo’ competere l’esperimento delle azioni possessorie” (Volum V pg. 134).

Dan l-insenjament li ttanta jintroduci l-*animus spoilandi* bhala element kostituttiv tal-azzjoni ta’ spoll privileggjat ma huwiex kondiviz minn din il-Qorti. Hi tiffavorixxi ghall-kuntrarju d-dottrina illi l-elementi vitali ta’ din l-azzjoni kienu biss tlieta u cioe’ *possedisse, spoliatum fuisse,* u *infra*

*bimestre deduxisse* – tlett elementi illi huma espressament rikjesti mill-Kodici Civili nostran u illi effettivament jirreferu biss ghall-vittma tal-att spoljattiv u mhux ghall-awtur tieghu. Infatti l-ligi taghti dritt ta' azzjoni lil min jipprova li kien jipposjedi l-oggett in kawza u li jirnexxielu jipprova li kien gie minnu spoljat in kwantu l-pussess tieghu kien gie turbat u dana fiz-zmien perentorju ta' xahrejn li fih kellu jiddeduci l-azzjoni. Il-ligi trid illi stabbiliti dawn it-tlett elementi, l-ebda difiza ma setghet tigi avanzata mill-awtur tal-att spoljattiv u l-ligi espressament tezigi illi f'azzjoni ta' din ix-xorta kienu permessi biss eccezzjonijiet dilatorji.

Il-gurisprudenza li tittanta tintroduci l-*animus spoliandi* bhala element tal-azzjoni ta' spoll privileggjat issegwi l-gurisprudenza Taljana u kontinentali in materja li pero' ma tinterpretax disposizzjonijiet ta' ligi identici ghal dawk nostrani. L-artikoli rilevanti tal-Kodici Civili imkien ma kienu jirrikjedu investigazzjoni rigward l-intenzjoni tal-allegat spoljatur. "B'liema motiv jew animu ghamel hekk huwa ghal kollox irrilevanti. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni tesprimi ruhha fis-sentenza taghha tad-9 ta' Marzu 1992 in re C. Cardona vs Francesco Tabone et 'Il-ligi taghna – fl-azzjoni tal-ispoll jigifieri fil-Kodici ta' Organisazzjoni u Procedura Civili ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) l-fatt ta' pussess u detenzjoni u (b) Il-fatt tal-ispoll. Indagini limitatissima, vigoruza u skarna li ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u ghalhekk bir-rispett kollu ghad-decizjonijiet li ppermettew indagnijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani

huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna' (Volum LXXVIII.ii.319). "Jidher ghalhekk li din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt arbitrarjament, u hija intiza unikament biex iggieghel lil min ikun ikkommetta l-ispoll li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha" (Volum LXXXI.iii.54). "Din il-Qorti ma jidhriliex li l-kaz taht ezami hu wiehed minn dawk fejn jehtigilha tindaga jekk fl-azzjoni ta' spoll privileggjat kienitx mehtiega l-prova tal-intenzjoni spoljattiva tal-konvenut. Kwistjoni dibattuta kif sewwa jirrilevaw l-appellanti fir-rikors taghhom imma li ghadha qed tigi deciza b'mod kontrastanti anke sa ricenti. Infatti fil-kawza "Prokuratur Legali Anthony Buhagiar u Mikiel Farrugia" deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fil-11 ta' Novembru 1997, gie konsidrat illi :- "Fl-istess kuntest m'ghandux ragun fl-aggravju tieghu l-appellant rigwardanti l-allegat nuqqas ta' *animo spoliandi.* Fl-azzjoni de quo, cioe' ta' spoll privileggjat, l-aspett ta' *animo spoliandi* ma jidholx. Il-ligi taghna hija a differenza ta' ligijiet ohra kontinentali tali li tittula l-pussess kontra kull spoll minghajr il-htiega tal-prova li l-ispoll ikun sar bl-intenzjoni specifika maghrufa bhala *animus spoliandi*." Qed tigi citata din is-sentenza biex din il-Qorti turi illi kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellanti, ghad hemm gurisprudenza konfliggenti fir-rigward tal-htiega tal-prova li l-*animos spoliandi* fl-azzjoni ta' spoll privileggjat u mhux ghaliex hu mehtieg f'din il-kawza li din il-materja tigi definita. Dan ghaliex kif inghad, din il-Qorti hija sodisfatta illi mill-provi

kellu jidher car illi l-pussess tal-attur kien qed jigi disturbat u li dan kien qed isir kontra l-volonta' tieghu abbuzivament u vjolentement" (Volum LXXXII.ii.963). Din l-istess konsiderazzjoni tapplika *mutatis mutandis* ghall-kaz taht ezami.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi certament l-*animus spoliandi* ma setax jitqies li kien element kostituttiv tal-azzjoni ta' spoll privileggjat u l-Qorti hi zgur prekluza milli tinoltra ruhha f'ezami dwar il-motiv tal-att turbattiv tal-pussess li ta lok ghall-kawza bhala pregudizzjali ghal gustifikazzjoni da parti tal-konvenut tal-agir kontestat tieghu. Indagini ta' din ix-xorta ma kienitx permessa proprju ghaliex id-dghajjef l-effikacja tal-azzjoni bhala rimedju guridiku biex jassigura rimedju kontra min "b'att arbitrarju *marte proprio* imur kontra l-volonta' tal-persuna spoljata" (Volum XLI.ii.1133) b'azzjoni unlaterali u minghajr l-intervent tal-organi gudizzjarji. "L-azzjonijiet possessorji fosthom l-azzjoni ta' spoll ghandhom bhala fondament taghhom il-pussess ta' kwalunkwe xorta u bhala objettiv taghhom it-tutela' ta' dak il-pussess" (Volum XXXVII.iii.776).

"Illi l-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa indubbjament ta' ordni pubbliku u huwa elementi ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel a dannu ta' terzi persuni att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati u ma' dak l-artikolu huwa mmarkat l-iehor tal-procedura civili li jahseb u jghid "li kontra l-azzjoni ta' spoll mhumiex ammessibbli hlief eccezzjonijiet

dilatorji" (Volum XLII.ii.973). Il-ligi taghna hi allura fl-*actio spolii* radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja u hija evidentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi b'idejh b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Ghal-ligi taghna ghalhekk l-*animus spoilandi* jista' biss ikun relevanti marginalment in kwantu jista' jitfa' dawl fuq il-kwalita' ta' pussess li kien igawdi l-ispoljat u jekk dan kienx tali illi kien jimmerita l-protezzjoni tal-ligi bir-rigur kollu taghha li tezigi li l-istat ta' pussess turbat jigi vigorozament ripristinat qabel kull haga ohra. Spoliatus ante omnia restituandum.

Fil-kaz ta' ezami, din ix-xorta ta' indagini certament mhix mehtiega ghaliex l-ebda kwistjoni ma hemm dwar il-fatt ampjament provat illi s-socjeta' konvenuta ddecidiet unliteralment illi l-attur ma kien fadallu ebda interess fil-fond u li kien iddekada mill-beneficcju tat-terminu lilu moghti taht il-ftehim tas-7 ta' Dicembru 1995 u li konsegwentement u ghalhekk biddlet is-serratura tal-fond biex l-attur appellat ma jkunx jista' jkompli jidhol fil-fond. Is-socjeta' appellanti allura ddecidiet li kellha d-dritt tiggudika u tiddefinixxi l-kwistjoni li kellha mal-attur naxxenti mill-kuntratt bejniethom. Iddecidiet li kellha l-jedd illi bil-forza u vjolentement tiehu lura l-pussess tal-fond de quo kif fil-fatt ghamlet. Din il-Qorti ma tistax tara kif, apparti kull kwistjoni u ragun fil-petitorju, s-socjeta' appellanti tista' tikkwalifika t-tehid forzat tal-fond mill-pussess tal-

appellat fil-mod kif haditu b'mod iehor hlief li spoljatu minn dak il-pussess.

Fil-fehma tal-Qorti ftit seta' jkun hemm dubbju illi l-ghemil tas-socjeta' appellanti kien jixliha bhala responsabbli tat-turbament tal-pussess li kien igawdi l-attur appellant, hekk dikjaratament kien immirat u, bhala effett tieghu, s-socjeta' appellanti abbuzivament irriprendiet il-pussess tal-fond mill-pussess tal-appellant minghajr rikors ghal gudizzju ta' Qorti kompetenti. "Il-konvenut issottometta li ma jirrizultax minn kif graw il-fatti li kien hemm l-*animus spoilandi*. Billi huwa kien kostrett illi jaghmel dak illi fil-fatt irrizulta li jaghmel, hu ma kellux intenzjoni li jispussessa lill-attur minn xi drittijiet tieghu …….. L-ispoll in kwistjoni pero' gie hekk effettwat u l-azzjonijiet tal-konvenut li jirriflettu dak li hu ried jaghmel kienu diretti proprju biex jizvesti lill-attur mid-dritt possessorju li kellu …… B'ghemilu l-konvenut zvesta lill-attur proprju minn dan id-dritt. L-*animus spoilandi* f'dan il-kaz johrog manifet mill-atti tal-konvenut aktar fuq imsemmija" (Volum LXXI.ii.231). Del resto s-socjeta' appellanti naqset li tispjega f'dan l-aggravju kif u ghaliex tippretendi li hi ma kellhiex l-*animus spoilandi* meta ghamlet dak li ghamlet. Hi llimitat ruhha biex taghmel riferenza ghal gurisprudenza, fil-fehma taghha zbaljata, ghaliha favorevoli, citati. Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk respint.

**B.** It-tieni aggravju tas-socjeta' appellanti hu fis-sens illi anke li kieku kellha tigi kif qed tigi konfermata s-sentenza appellata illi kien hemm spoll li kellu jigi rientegrat, xorta wahda l-azzjoni kif proposta ma setghetx tirnexxi kontra l-appellant personalment, la darba hu ma kellu ebda rapport guridiku mal-attur billi l-konvenju kien sar bejnu u bejn is-socjeta' appellanti. Jirrizulta mill-atti illi fit-talbiet tieghu l-attur talab li l-Qorti tiddikjara li l-appellant proprio kif ukoll nomine kien ghamel spoll kontra l-attur u konsegwentement talab illi l-Qorti tordna lill-appellant proprio et nomine biex fi zmien prefiss minnha jqieghed kollox kif kien qabel billi jrodd lill-attur il-pussess tal-fond u l-hwejjeg ta' go fih. L-appellant personalment jissottometti illi hu ma kellu l-ebda rapport guridiku mal-attur in kwantu l-konvenju ghall-bejgh tal-fond de quo kien sar bejn l-attur appellat u s-socjeta' appellanti. L-azzjoni kontra tieghu personalment kienet allura zbaljatament impostata u t-talbiet attrici kontra tieghu personalment ma setghux jigu akkolti.

L-ewwel Qorti minn naha taghha waslet ghal decizjoni illi una volta l-azzjoni ta' spoll ma kienx azzjoni *ex contractu* izda azzjoni *ex delicto* naxxenti mill-fatt illecitu, kellu jinstab hati ta' spoll il-persuna li ghamlet il-fatt illecitu u li fuqu hija mibnija l-kawza. L-appellant personalment "jaghmel riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti, Sede Civili, fil-kawza fl-ismijiet "Albert Mizzi nomine vs Reverend Professur George Schembri" deciza fl-4 ta' Frar 1992 (Volum LXXVI.ii.210). In effetti f'din is-sentenza bl-aktar mod esplicitu gew michuda t-talbiet tal-attur kif

impostati kontra l-konvenut. Dak deciz mill-precitata sentenza japplika wkoll b'mod analogu fil-kaz odjern. F'dik il-kawza l-ewwel Onorabbli Qorti kienet qalet illi "is-socjeta' kummercjali ghandha personalita' guridika u jekk persuni li skond l-istatut tas-socjeta' kummercjali ghandhom il-fakulta' illi jagixxu f'isem is-socjeta' u jaghmlu atti f'isem l-istess socjeta' u fl-interess tal-istess socjeta' u dawn l-atti jikkostitwixxu spoll, hija s-socjeta' illi tkun responsabbli ghall-ispoll."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, r-riferenza ghal din is-sentenza li fuqha qed jistrieh l-appellant personalment mhix wahda felici. Infatti fiha l-konvenut gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju proprju ghaliex din il-Qorti kienet ikkostatat illi "bhala fatt pero' ghandu jinghad li ma jirrizulta minn imkien li l-konvenut kellu x'jaqsam b'xi mod personalment mal-ftuh tal-aperturi in kwistjoni ….." Fil-kaz taht ezami jirrizulta proprju l-oppost. Gie stabbilit mill-ewwel Qorti (u dan mhux illum kontestat fir-rikors tal-appell) illi l-att spoljattiv, materjalment u fizikament kien gie komplut mill-appellant personalment anke jekk isostni illi hu kien qieghed jagixxi qua direttur u in rapprezentanza tas-socjeta' appellanti. Is-sentenza fil-kawza "Mizzi vs Schembri" infatti ddikjarat biss illi s-socjeta', li giet identifikata bhala l-awtur tal-att spoljattiv turbattiv tal-pussess, kienet "azzjonabbli tramite d-direttur taghha". Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li din hija l-kostatazzjoni korretta ghaliex is-socjeta' kummercjali li ghandha personalita' guridika distinta minn dik tal-azzjonisti u tad-diretturi taghha kellha tkun azzjonabbli u kellha tkun responsabbli bil-

mezzi taghha ghall-agir illecitu minnha kompjut permezz tad-diretturi taghha li jirrapprezentawha. Dan pero' bl-ebda mod ma jfisser illi l-awtur materjali tal-illecitu li effettivament jikkommetti l-azzjoni turbattiva tal-pussess ma kienx hu wkoll personalment azzjonabbli biex jirripristina l-molestja' li hu kien wettaq. Kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, l-*actio spolii* torigina *ex delicto* fuq fatt illecitu. Kull min jikkonkorri fil-kommissjoni tal-illecitu kien azzjonabbli u dana personalment. Kien ghalhekk illi s-socjeta' kienet azzjonabbli tramite d-diretturi taghha jekk jigi ritenut illi hi kienet konsapevoli ta' dak li kellu jsehh u li fil-fatt sehh u allura kienet konpartecipi fl-att delittwuz. Kien ukoll azzjonabbli min effettivament iwettaq l-illecitu li, fl-ahjar ipotesi ghalih, seta' biss jigi konsidrat bhala l-mandatarju li agixxa fl-interess tal-mandant espress jew tacitu li uzufruwixxa mill-att illecitu li ghalih l-istess mandatarju kellu jigi wkoll tenut personalment responsabbli. "L-azzjoni ta' spoll hija esperibbili kontra l-awtur tal-ispoll kif ukoll kontra l-komplici tieghu fosthom il-mandanti li jkunu inkarigawh" (Volum XXXII.i.451 ; Volum XXVIII.i.188 ; Volum XLI.ii.849). Anke dan l-aggravju allura mhux sostnut.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant proprio et nomine. It-terminu ta' xahar moghti fis-sentenza appellata biex jigi spurgat l-ispoll ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

Dep/Reg

mg